**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 88 – IT-TNEJN, 24 TA' LULJU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier (5.40pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 86**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 86**

2.1 Ġie innutat li għadha trid tiġi attivata attivata l-alarm tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li ssir talba ghal reserved parking (disabled) quddiem il-Kunsill.

**3 Approvazzjoni Minuti Numru 87**

**3.1** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Punti mtella mill-Minuti 87**

**4.1** Ma kienx hemm punti imtella għall-minuti 87.

## 5 Pagamenti Numru 77

5.1 Għandu jiġi vverifikata pagament Numru 25.

5.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes biex il-Kunsill jikkollabora magħhom rigward il-produzzjoni ta' Statwa. Kien hemm qbil li ssir laqgħa magħhom.

6.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa li saret mar-rappreżentant tal-Ministeru tat-Trasport u dwar il-korrispondenza li saret wara din il-laqgħa. Jidher li skont id-diskussjoni ma' dan ir-rappreżentant, għad m'hemmx data stabbilita meta ser jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Għad irid jiġi stabbilit budget għal dan il-proġett. Il-Kunsill innota wkoll li f'korrispondenza li kien hemm f'Marzu, il-Kunsill ġie nfurmat li s-sejħiet pubbliċi għal dawn ix-xogħlijiet kellhom jinħarġu fit-tielet kwart tas-sena 2017. Din kienet indikazzjoni ċara li budget għal dan il-proġett kien diġà stabbilit. Għandha tintbagħat talba għal kjarifika fuq din, kif ukoll kopja lill-membri tal-Kunsill kollha. Rigward iż-żewġ toroq li qatt ma saru, Triq il-Fikus u Triq il-Ġojjin, ġejna ggwidati biex din it-talba issir lill-Aġenzja Governattiva il-ġdida li għad trid tiġi mwaqqfa.

6.3 Peress li għad m'hemmx data meta ser jibda il-proġett ta' Ġnien Karin Grech, ġie deċiż li jsir ix-xogħol neċessarju ta' manutenzjoni. Rigward l-islide li hemm miksura, ma setgħax tiġi misjuba oħra, peress li dan huwa mudell antik. Hemm stima ta' 500 Ewro biex din is-slide titneħħa. Il-Kunsill ma qabilx li din l-ispiża ssir.

6.4 Kien hemm qbil li jiġu ppreparati d-dokumenti biex issir sejħa għal servizzi ta' Perit peress li dan skada.

6.5 Kien hemm qbil li jitwaħħlu tliet bicycle racks madwar San Ġwann. Għandha ssir site visit biex jiġu identifikati l-aħjar siti.

6.6 Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir applikazzjoni, għal fondi tar-Reġjun biex isir tarmac quddiem il-Kappella tal-Propostru kif ukoll il-patching quddiem il-każin tal-banda.

## 7 Korrispondenza

7.1 Ġiet innutata korrispondenza mis-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali. Dan għandu jagħmel żjara fil-Kunsill aktar 'il quddiem. Il-Kunsill laqa' din l-istedina.

7.2 Kien hemm diskussjoni rigward MissMalta. Ġie innutat li din iċ-ċerimonja għandha ssir fil-25 ta' Novembru 2017. Għandha ssir laqgħa ma' Miss San Ġwann.

7.3 Ġew innutati l-istediniet mill-Kappillan u mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes fl-okkażjoni tal-Festa. Dawn l-inviti diġà intbagħtu lill-membri mod elettroniku.

## 8 Affarjiet Oħra

8.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex jiġi restawrat l-pedistal tal-istatwa tal-Madonna li hemm quddiem il-Kappella tal-Mensija. Hu lmenta wkoll li hemm bżonn bozza ġdida fi Triq il-Qrempuċ.

8.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex isir litter bin gdid fi Triq il-Baltiku. Kien hemm qbil fuq dan. Hi lmentat li ma taqbilx li jinħarġu permessi għal tables and chairs fi Ġnien San Ġorġ Preca jew xi ġonna oħra.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.00pm.

8.3 Is-Sur Trevor Fenech tkellem fuq il-problema tad-dawl fi Ġnien Ta' Żwejt. Ġie innutat li hemm ħsara mill-Enemalta u qed isir kuntatt magħhom rigward dan. Ġie innutat li l-Kunsill diġà biddel il-bozoz f'dan il-ġnien imma dawn jinqatgħu minħabba din il-ħsara li hemm. Il-Kunsill għandu jkompli jsegwi lill-Enemalta fuq dan. Hu lmenta wkoll li hemm bżonn xi żabbra kif ukoll hemm siġra mejta li hemm bżonn tinqala'.

8.4 Is-Sinjura Rita Saliba fakkret li hemm bżonn li jitnaddfu l-kulverts.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.05pm.

8.5 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jsiru workshops tad-drama. Kien hemm qbil li dawn isiru. Għandħa ssir talba lill-iskola ta' San Ġwann għall-użu tal-hall, kif ukoll jsiru l-promotion li hemm bżonn għal dan il-proġett. Kien hemm ukoll qbil li titqabbad is-Sinjura Natasha Turner biex tieħu ħsieb dawn il-klassijiet. Din għandha tiswa 600 Ewro għas-servizzi tagħha. Il-Kunsill għandu jitlob fee nominali ta' 20 Ewro għal kuoll parteċipant.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Awwissu. 2017 fil-5.30pm.

_________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

_________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**